

Il-fatturi ta' suċċess għall-Programmi ta' Żvilupp Rurali l-ġodda



© 123rf, Manuela Ferreira

Il-Programmi ta' Żvilupp Rurali (PŻR) tal-Istati Membri għall-perjodu 2014-2020 għandhom ikunu: xprunati mid-domanda, orjentati lejn ir-riżultati, mingħajr żbalji u kompletament integrati ma' appoġġ għall-iżvilupp ieħor għaż-żoni rurali. Dawn ir-rekwiżiti ewlenin ġew espressi fil-konklużjonijiet ta' seminar bi profil għoli tal-ENRD f'Diċembru 2012 li kien jesplora l-fatturi involuti fi pprogrammar ta' suċċess għall-ġenerazzjoni ta' PŻR li jmiss. Waqt is-seminar tal-ENRD, l-"intermedjazzjoni tal-innovazzjoni", l-"ekoloġizzazzjoni", il-"ġestjoni kondiviża", u l-"governanza tajba" tqiesu wkoll bħala miri essenzjali għal ipprogrammar ta' PŻR ta' suċċess.

Il-proposti għall-politika ta' żvilupp rurali tal-UE matul il-perjodu 2014-2020 huma mibnija fuq l-esperjenzi ta' perjodi ta' pprogrammar preċedenti, u jsaħħu l-pożizzjoni tal-iżvilupp rurali bħala komponent essenzjali tal-Politika Agrikola Komuni (PAK).

Kwistjonijiet importanti bħax-xejriet tal-globalizzazzjoni, l-awsterità fiskali u s-sostenibbiltà ambjentali jipprovdu kuntest impenjattiv għall-introduzzjoni tal-PŻR il-ġodda. Dawn il-kwistjonijiet ġew enfasizzati waqt is-seminar tal-ENRD bħala kun- siderazzjonijiet essenzjali għall-programmaturi tal-PŻR.



Iffinanzjat minn:





tissaħħaħ iktar il-komplementarjetà bejn iż-żewġ Pilastru tal-PAK u sabiex tiġi protetta l-firxa wiesgħa ta' beneficiċċji li l-operazzjonijiet tal-PŻR joffru liċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha.

“Jeħtieġ li nagħmlu PŻR li jkunu jistgħu jirrapportaw faċilment dwar riżultati verifikabbli, li jkunu mmirati aħjar lejn il-ħtiġijiet reali tal-iżvilupp tat-territorji rurali, u li jkunu integrati sew mal-finanzjament l-ieħor kollu. Barra minn hekk, il-programmaturi tal-PŻR għandhom jagħtu prijorità kbira ħafna lit-tnaqqis tal-iżbalji.”

Il-Kummissarju Dacian Cioloş

Il-bini tal-PŻR il-ġodda

“Ibda kmieni” kien l-ewwel messaġġ għall-partijiet interessati kollha involuti fl-ipprogrammar tal-PŻR. Billi jenfasizza dan il-fattur ta' suċċess, id-DĠ AGRI diġà qed jaħdem mal-Istati Membri sabiex jorganizza workshops fil-pajjiżi stess għall-programmaturi tal-PŻR. Il-punti fuq l-aġenda tal-laqqgħat se jinkludu spjegazzjonijiet dwar l-għodod proposti għal ġestjoni finanzjarja u s-sistemi amministrattivi l-ġodda għall-2014-2020.

Id-diskussjonijiet dwar id-Dokumenti ta' Pożizzjoni tal-Pajjiżi tal-KE¹ waqt iż-żjarat tal-Kummissjoni lill-Istati Membri se jintużaw ukoll sabiex jiġu ċċarati xi kwistjonijiet tal-ipprogrammar tal-PŻR. Fost il-prijoritajiet kruċjali għal dawk kollha involuti hemm li jiġu evitati l-problemi komuni li kienu esperjenzaw il-PŻR preċedenti, u li jinstabu soluzzjonijiet li jistgħu jaħdmu li jirnexxilhom jindirizzaw it-taħlita tal-kompiti ta' pprogrammar differenti.

Il-kelliema u d-delegati fis-seminar (li laqqa' flimkien lil diversi mijiet ta' delegati inklużi uffiċjali minn awtoritajiet maniġerjali, aġenziji tal-pagamenti, lill-Kummissarju Cioloş u lil uffiċjali anzjani tal-Kummissjoni Ewropea) irrikonoxxew l-isfidi li qed jiffaċċjaw il-programmaturi tal-PŻR. B'dan il-mod huma rrikonoxxew li s-suċċess ta' ħidmihom jiddependi milli huma jfasslu PŻR li jkunu kapaċi jagħtu kontribuzzjonijiet kbar lill-miri tal-UE 2020 dwar tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Il-Kummissarju Cioloş tenna dawn il-punti u inkoraġġixxa lid-delegati sabiex jipproduċu PŻR li jkunu jistgħu juru b'mod ċar il-valur miżjud tal-politika ta' żvilupp rurali f'dawn l-oqsma. Huwa nnota li żieda fil-viżibbiltà tar-riżultati u tnaqqis fir-rati tal-iżbalji għandhom jgħinu sabiex

In-nuqqasijiet fl-eżerċizzji ta' pprogrammar tal-PŻR preċedenti jinkludu:

- Kwantifikazzjoni inadegwata tal-eżiti tal-programm (indikaturi).
- Immirar insuffiċjenti sabiex jintlaħqu miri kkwantifikati u jintgħażlu l-proġetti bl-aħjar prattiki.
- Konnessjonijiet dgħajfa bejn l-istrateġija u l-operazzjonijiet magħżula (loġika ta' intervent batuta).
- Nuqqas ta' identifikazzjoni ċara tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp fit-territorji tal-PŻR.

1 Il-Kummissjoni Ewropea twestaq proċessi ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi sabiex jintlaħaq ftehim dwar id-“dokumenti ta' pożizzjoni” ħalli jiġu diskussi punti partikolari dwar l-ispeċifitàjiet tal-għażliet ta' żvilupp rurali f'kull Stat Membru.

PŻR simplifikati

Is-simplifikazzjoni tas-sistemi ta' PŻR tibqa' kompitu importanti għall-programmaturi. L-Istati Membri qed jiġu mħeġġa biex matul ix-xhur li ġejjin jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fuq sistemi ta' simplifikazzjoni għal proċessi ta' pprogrammar u ta' implimentazzjoni tal-PŻR.

Komunikazzjoni u kollaborazzjoni regolari bejn il-livelli nazzjonali u tal-UE huma partikolarment apprezzati sabiex jiġi ffaċilitat l-allinjament tal-PŻR mal-Qafas Strateġiku Komuni (QSK). L-azzjonijiet ta' simplifikazzjoni influwenzati mill-QSK għandhom jgħinu fl-introduzzjoni ta' regoli iktar faċli għall-utent sabiex il-PŻR il-ġodda mhux biss isiru iktar aċċessibbli għall-benefiċjarji imma dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jifhmuhom iktar ukoll.

Il-parteċipanti fis-seminar tal-ENR enfasizzaw li l-involvement tal-partijiet interessati matul il-fażijiet kollha tal-ipprogrammar ta' PŻR kien fattur ta' suċċess sinifikanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' simplifikazzjoni. Ipprogrammar ta' żvilupp rurali ta' suċċess jiddependi fuq sħubija soda u għandhom jiġu stabili proċeduri ta' governanza tajba sabiex tiġi salvagwardjata komunikazzjoni mingħajr problemi bejn l-imsieħba numerużi involuti fil-preparazzjoni tal-PŻR.

Huwa importanti li jiġu kkoordinati l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni tajba li jkunu meħtieġa bejn l-awtoritajiet tal-PŻR u l-kontropartijiet tagħhom minn programmi oħrajn ta' żvilupp sabiex ikun jista' jinkiseb vantaġġ mis-sinerġiji u tiġi żgurata l-preparazzjoni ta' programmi kompletament integrati li jkunu mfassla apposta skont il-ħtiġijiet nazzjonali u reġjonali.

Arranġamenti ta' kooperazzjoni u ta' ħidma konġunta jistgħu jissarf u f'għadd kbir ta' benefiċċji. Għodod bħal dawn jgħinu sabiex tinbena u tiġi ottimizzata l-massa kritika tal-għarfien espert multidixxiplinari li huwa meħtieġ għal ipprogrammar ta' PŻR ta' suċċess. Id-djalogu mal-partijiet interessati huwa essenzjali sabiex tiżdied it-trasparenza u jiġi żgurati fehim aħjar ta' politika li għandha r-reputazzjoni li hija kumplessa. Dawn l-approċċi ta' sħubija jirrappreżentaw prinċipji ta' governanza tajba għal ipprogrammar ta' suċċess, li huma promossi mid-DĠ AGRI u mill-ENRD.

L-involvement bikri tal-partijiet interessati fit-tfassil ta' proċessi trasparenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet huwa metodu pprovat sabiex jiġu minimizzati r-riskji li jsiru żbalji iktar tard. L-imsieħba jistgħu wkoll jagħtu suġġerimenti u perspettivi siewja sabiex jiġu solvuti l-isfidi tal-ipprogrammar fejn għandhom x'jaqsmu l-ibbilanċjar tal-kompiti ta' simplifikazzjoni ma' daww konnessi mat-tnaqqis tar-rati tal-iżbalji. Il-kisba ta' bilanċ bħal dan għandha tgħin sabiex jiġi żgurati, pereżempju, l-ipprogrammar ta' kundizzjonijiet sempliċi ta' eliġibbiltà li jinftiehem mill-benefiċjarji. Il-kundizzjonijiet kumplessi għandhom jiġu evitati. Is-sistemi simplifikati jistgħu jiżguraw iktar konformità mal-kundizzjoni ta' eliġibbiltà u jnaqqsu r-rata tal-iżbalji.

PŻR mingħajr żbalji

Matul il-perjodu 2007-2013, ir-rati tal-iżbalji fil-PŻR żdiedu għal livelli inaċċettabbli. B'hekk, il-programmaturi għall-PŻR il-ġodda jeħtieġ li jaħsbu b'iktar attenzjoni milli għamlu fl-imgħoddi dwar il-kawżi tal-iżbalji potenzjali u l-proċeduri li jistgħu jiġu stabbiliti sabiex jittaffew il-problemi tal-awditjar.

It-tnaqqis tar-rati tal-iżbalji fil-PŻR huwa essenzjali sabiex tiġi salvagwardjata l-integrità tal-politika ta' żvilupp rurali u tal-programmi tagħha. Il-protezzjoni tal-fondi pubbliċi u ż-żamma tal-kredibbiltà tal-attività tal-PŻR fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri ġew sottolinjati bħala prijorità vitali għal pprogrammar ta' suċċess. Punt ta' tluq importanti hawnhekk huwa li jiġi żgurati li l-proposti kollha għall-operazzjonijiet ta' PŻR u għal appoġġ għal PŻR ikunu bbażati fuq domanda preċiża u vvalidata.

Il-limiti massimi finanzjarji fil-PŻR il-ġodda se jiġu miftiehma permezz ta' Miżura (jiġifieri mhux kif seħħ fl-imgħoddi permezz ta' Assi). Dan qed jintroduċi saħnsitra ħtieġa ikbar għal valutazzjoni bir-reqqa u realistika tad-domanda effettiva li jista' jkun mistenni li teżisti għall-attivitajiet proposti ta' kull Miżura. Il-ħidma fuq id-determinazzjoni tal-kontenut għall-analiżi SWOT hija kruċjali sabiex ikun hemm informazzjoni dwar il-livelli vera tad-domanda u sabiex dawn jiġu ddeterminati.





Jekk l-analiżi tad-domanda tkun tajba dan għandu jnaqqas iċ-ċans li tibda ssir pressjoni sabiex jintużaw fondi tal-PŻR li d-domanda għalihom kienet inqas milli kien mixtieq għal attivitajiet mhux eliġibbli.

Għaldaqstant, approċċi xprunati mid-domanda għal iprogrammar ta' PŻR ta' suċċess għandhom jaħdmu iktar milli kieku jintużaw indikaturi konvenzjonali tad-domanda bħal livelli tal-qgħad, dejta dwar il-PDG, speċijiet prijoritarji, eċċ. L-approċċi kwalitattivi għall-analiżi tad-domanda għandhom jikkunsidraw anki l-kapaċità ta' assorbiment ta' territorju għal kull azzjoni ta' PŻR proposta fuq il-livell ta' Miżura.

Evalwazzjoni *ex-ante* tal-kapaċità ta' assorbiment tista' tqis fatturi bħal: it-tbassir tad-disponibbiltà ta' kofinanzjament potenzjali minn gruppi fil-mira differenti; il-motivazzjoni tal-gruppi fil-mira sabiex jipparteċipaw fi skemi ta' appoġġ għall-PŻR; u kwistjonijiet oħrajn, bħal ħliet jew infrastruttura, li jistgħu jinfluwenzaw (b'mod pożittiv jew negattiv) il-kapaċità ta' assorbiment u d-domanda assoċjata għall-fondi ta' PŻR fi ħdan territorju.

L-aġenziji tal-pagamenti għandhom jiċċertifikaw li l-għażla u t-tfassil tal-miżuri ta' PŻR ma jagħtux lok għal riskji ta' żbalji. Għaldaqstant, il-ġestjoni kondiżiva tal-proċess ta' pprogrammar bejn l-awtoritajiet maniġerjali, l-aġenziji tal-pagamenti u partijiet interessati oħrajn xierqa qed tiġi promossa bħala fattur ta' suċċess prudenti u pramatiku għall-iprogrammar tal-PŻR.

Il-kontroll tal-PŻR

Għan ieħor tal-programmaturi li għandhom il-kompitu li jnaqqsu l-possibbiltajiet ta' żbalji, huwa li jstabilixxu proċeduri robusti biex tiġi ttraċċata l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' PŻR. Dan japplika sabiex tiġi kkontrollata n-nefqa u sabiex jiġi vverifikat li l-flus ikunu qed jintefqu fuq dak li kienu maħsuba għalih. Għandhom jiġu programmati kontrolli effettivi kemm:

- Sabiex tiġi ggarantita l-għażla ta' proġetti eliġibbli li juru domanda qawwija, filwaqt li jkollhom ukoll potenzjal sabiex jagħtu kontribuzzjonijiet ċari lill-miri tal-PŻR; kif ukoll
- Sabiex tiġi mmonitorjata l-eżekuzzjoni tal-proġetti approvati ħalli jiġi vverifikat li dawn jibqgħu mingħajr żbalji.

Minbarra l-iprogrammar ta' proċeduri robusti u trasparenti għal dawn il-kontrolli, il-PŻR ta' suċċess għandhom jiżguraw ukoll li jkun hemm stabbiltà ħliet u kapaċità suffiċjenti fil-waqt it-tajjeb u fil-post it-tajjeb sabiex il-kontrolli jiġu amministrati b'mod effettiv.

Ir-rilevanza ta' settijiet u ta' sistemi ta' ħliet b'saħħithom għall-immirar u għat-traċċar ta' appoġġ għall-PŻR ġiet innotata kemm-il darba waqt is-seminar tal-ENRD għaliex dawn jitqiesu bħala s-sien għal pprogrammar ta' PŻR ta' suċċess.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

Saru sforzi sabiex jittejbu l-metodi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. Enfasi ikbar fuq ir-rapportar tal-politika ta' żvilupp rurali se jgħin sabiex jinkisbu azzjonijiet ta' PŻR li jkunu iktar orjentati lejn ir-riżultati u iktar responsabbli. Prerekwiżit għal dan il-prinċipju ewlieni huwa l-użu ta' dejta bażika affidabbli u aġġornata ma' xiex jitkejjel il-progress. Il-kwalità tal-approċċi għall-ġbir tad-dejta bażika użati fl-iprogrammar preċedenti tal-PŻR ma kinitx ikkunsidrata bħala waħda tajba ħafa u jeħtieġ li tittejjeb.

Il-ġbir tad-dejta bażika għandha tiffirma parti integrali mill-proċess ta' analiżi SWOT. Kunsiderazzjonijiet ġodda għall-programmaturi hawnhekk jinkludu l-ġbir ta' informazzjoni suffiċjenti dwar is-sitwazzjoni attwali tal-prijoritajiet trażversali tal-PŻR, jiġifieri l-azzjoni klimatika, l-ambjent u l-innovazzjoni.

Dawn it-temi trażversali jirriflettu għanijiet ta' livell għoli tal-Istrateġija UE 2020 għat-tkabbir u għall-prosperità fl-Istati Membri kollha. Il-PŻR għandhom ikunu jistgħu jirrapportaw b'mod regolari l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-aġendi tal-klima, tal-ambjent u tal-innovazzjoni. Analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet ta' kull territorju ta' PŻR f'termini ta' ġestjoni ambjentali, ta' appoġġ għall-innovazzjoni u ta' azzjoni klimatika (adattament u mitigazzjoni), hija punt ta' tluq essenzjali għal ipprogrammar ta' PŻR ta' suċċess.

Il-programmaturi tal-PŻR għandhom ukoll jiżguraw irwieħhom li jkun hemm stabbiliti proċeduri faċli għall-utenti sabiex tiġi kkontrollata l-abbiltà tal-Miżuri kollha li jkollhom fil-mira tagħhom finanzjament għal proġetti li jikkomplementaw it-temi trażversali. Il-parteċipanti fis-seminar tal-ENRD ġibdu l-attenzjoni għall-flessibbiltà tal-politika ġdida sabiex jiġi promoss l-ippakkjar tal-appoġġ minn iktar minn Miżura waħda. Dan jiġġenera opportunitajiet biex jiġi miżjud il-valur u għal effetti multiplikaturi fir-rigward tat-temi trażversali, kif ukoll tal-miri l-oħra kollha tal-Miżura.

L-ippjanar tal-PŻR

Għalhekk, jagħmel ħafna sens li l-ipprogrammar ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kruċjali kollha ta' PŻR jinbeda minn kmieni. L-għodod tal-ippjanar jistgħu jgħinu bl-immappjar u bil-ġestjoni tad-diversi fażijiet tal-proċessi ta' pprogrammar. Preparazzjonijiet bħal dawn jistgħu wkoll ikunu utli għall-koordinazzjoni mill-Istati Membri tal-ħidma parallela involuta fil-produzzjoni ta' kontenut għal Kuntratti ta' Sħubija fuq livelli oġhla.

Bl-ikkuntrattar ta' evalwaturi *ex-ante* sabiex dawn jiġu involuti minn kmieni, u b'mod regolari, matul il-proċess ta' pprogrammar tal-PŻR jistgħu jinkisbu effiċjenzi u benefiċċji oħrajn.

Rapporti mill-workshops tas-seminar

Minbarra l-kunsiderazzjonijiet ġeneriċi dwar it-tfassil tal-PŻR li ssemew iktar 'il fuq, il-parteċipanti fis-seminar tal-ENRD taw ħarsa fid-dettall lejn numru ta' aspetti speċifiċi ta' pprogrammar ta' PŻR b'suċċess.

Intuża l-format tal-workshops sabiex jiġi indikat dak li għandhom ikunu jafu l-programmaturi tal-PŻR f'termini ta':

- Il-promozzjoni ta' temi trażversali dwar l-innovazzjoni, l-azzjoni klimatika u l-ambjent.
- Li jiġu żgurati governanza tajba tal-proċessi tal-ipprogrammar, inkluż ir-rwol tan-netwerking, u ġestjoni kondiviża effettiva tal-kompiti tal-ipprogrammar.
- Il-modifikazzjonijiet fil-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-PŻR.
- Il-faċilitazzjoni tal-konnessjonijiet bejn il-partijiet interessati territorjali differenti permezz ta' metodoloġiji tal-LEADER.

Ir-riżultati tal-workshops: Kif għandhom jiġu promossi t-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-PŻR il-ġodda?

L-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien assoċjat tagħha huma għodod ta' żvilupp vitali għall-Ewropa rurali. Dan il-fatt huwa rifless fil-proposta li l-appoġġ għall-innovazzjoni jiġi introdott bħala tema trażversali għall-PŻR tal-Istati Membri għall-2014-2020.

L-innovazzjoni fil-iżvilupp rurali bl-ebda mod ma għandha tiġi kkunsidrata bħala kunċett elitista. Approċċi ġodda għall-iżvilupp tal-operazzjonijiet tan-negozju, għall-ġestjoni tar-riżorsi ambjentali u/jew għall-operazzjonijiet tal-komunitajiet lokali huma rilevanti u jistgħu jitwettqu minn dawk kollha li għandhom interess fil-kampanja Ewropea. Barra minn hekk,



© 123rf, Pires

L-innovazzjonijiet fil-proċessi u fil-proċeduri użati għall-implimentazzjoni tal-PŻR jibqgħu wkoll kunsiderazzjonijiet pertinenti għall-programmaturi tal-PŻR.

Il-programmaturi tal-PŻR għandhom il-kompitu li jistabbilixxu sistemi ta' appoġġ li jkunu kapaċi jagħmluha ta' intermedjarji effiċjenti għall-innovazzjoni fil-forom kollha tagħha, kif ukoll li jippromwovu t-trasferimenti assoċjati tal-għarfien. Filwaqt li l-Miżuri kollha ta' PŻR għandhom jitfasslu sabiex jagħtu prijorità u jittraċċaw il-kontribuzzjonijiet għall-innovazzjoni, huwa mistenni li l-Miżuri tal-PŻR li jifinanzjaw il-kooperazzjoni, is-servizzi ta' konsulenza u ta' animazzjoni, kif ukoll l-assistenza teknika jkunu b'mod prevalenti sorsi ta' appoġġ għall-innovazzjoni.

Għaldaqstant, l-analiżi tad-domanda, il-kriterji tal-għażla u l-proċeduri ta' monitoraġġ għal dawn il-Miżuri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lil għadd ta' fatturi. L-ewwel nett, għandha tingħata attenzjoni sabiex jiġi programmat appoġġ għall-innovazzjoni komplementari għaż-żoni rurali u tiġi evitata duplikazzjoni tal-isforzi. Dan jeħtieġ għarfien ta' u kooperazzjoni ma' finanzjament ieħor għall-innovazzjoni (inkluż l-appoġġ mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropew (SIE), minn Orizzont 2020 – il-Programm Qafas Ewropew għar-Riċerka u għall-Innovazzjoni, u/jew sorsi oħrajn ta' għajjnuna).

Il-programmaturi tal-PŻR għandhom jiżguraw irwiegħom li jkun hemm stabbiltà proċeduri ttestjati sabiex ikollhom fil-mira tagħhom il-fondi tal-PŻR li jittrattaw l-innovazzjoni ta' proġetti b'valur miżjud. Il-proċessi ta' għażla u ta' mmirar għandhom ikunu kapaċi jiffokaw l-appoġġ tal-PŻR sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-PŻR. Barra minn hekk, dawn għandhom ikunu jistgħu jagħmluha ta' filtru sabiex jitwarrbu "ir-roti li diġà ġew ivvintati" f'territorju ta' PŻR partikolari.

Kunsiderazzjoni daqstant importanti għall-ipprogrammar tal-innovazzjoni hija l-ġestjoni tar-riskju. Ir-riskju huwa aspett inerenti tal-iskemi ta' appoġġ għall-innovazzjoni kollha. It-tfassil tajjeb ta' proċess jista' jgħin sabiex jiġi mmaniġġjat ir-riskju u d-delegati fis-seminar tal-ENRD enfasizzaw ir-rwol ta' dispożizzjonijiet sabiex jiġu ffixxati miri ta' prestazzjoni. Dawn jippromwovu approċċi gradwali għall-għoti ta' finanzjament għal proġetti ta' innovazzjoni u jistgħu jintużaw sabiex jikkontrollaw ir-rilaxxi ta' kofinanzjament għal proġetti li joffru potenzjal imma li jindikaw riskji ikbar.

Fost l-indikazzjonijiet l-oħra offruti mill-parteċipanti fil-workshop dwar l-innovazzjoni tas-seminar issemmiet l-abbiltà tal-Istati Membri li jużaw Fond ta' Garanzija bħala għodda sabiex ikunu jistgħu jiġġestixxu r-riskju. Kien hemm qbil ġenerali dwar għarfien li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti ta' innovazzjoni għandhom ikunu msejsa fuq il-konstatazzjoni li "falliment" jista' jipprovdi tagħlimiet utli għat-tiswir ta' azzjoni ta' żvilupp fil-ġejjieni. Waqt il-workshop intlaħaq ukoll kunsens li għandu jiġi evitat ipprogrammar ta' proċeduri kontroproduċenti (pereżempju, meta il-proġetti ta' innovazzjoni li "jfallu" ikollhom iħallsu lura l-għajjnuna tal-PŻR) li jista' jiskoraġġixxi l-innovazzjoni u d-domanda għal PŻR.

Il-programmaturi tal-PŻR jistgħu jitgħallmu ħafna mill-esperjenzi miksuba matul il-perjodu attwali ta' pprogrammar ... Minn esperjenzi bħal dawn, il-grupp ta' fokus tal-ENRD dwar It-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KT&I - Knowledge Transfer and Innovation) silet tagħlimiet dwar kif l-appoġġ futur għat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-PŻR li-ġodda jista' jaħdem b'mod iktar effettiv².

Tfakkiriet għall-ipprogrammar tal-PŻR dwar appoġġ għat-trasferiment tal-għarfien u għall-innovazzjoni:

- Ifhem l-ambitu reali tad-domanda għall-appoġġ għall-innovazzjoni fit-territorju kollu ta' PŻR.
- Inkoraġġixxi r-rwol produttiv tan-netwerking fl-intermedjazzjoni tal-innovazzjoni.
- Ippromwovi mezzi minn isfel għal fuq sabiex jiġu esplorati u proposti possibiltajiet għal innovazzjoni.
- Evita li tiddefinixxi l-innovazzjoni imma iffoka fuq it-tfassil ta' proċessi ta' innovazzjoni.
- Inkludi l-flessibilità biex tikkombina tipi differenti ta' appoġġ (finanzjament u/jew tipi oħrajn) billi tuża taħlita ta' kompetenzi.
- Agħti appoġġ lill-użu ta' animaturi lokali bħala katalisti. Dawn il-konsulenti u dawn l-intermedjarji tal-innovazzjoni għandhom jingħataw taħriġ tajjeb.
- Agħraf ir-riskju u inkorpora sistemi li jiġġestixxu l-fallimenti.

2 Tista' tikseb iktar informazzjoni dwar il-ħidma tal-ENRD biex tippromwovi t-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni minn: http://enrd.ec.europa.eu/themes/research-and-innovation-gateway-development/kt-innovation/en/kt-innovation_en.cfm

Ir-riżultati tal-workshops: Kif għandu jiġi integrat it-tħassib ambjentali u klimatiku fil-PŻR il-ġodda

L-Ewropa rurali tospita l-maġġoranza vasta tar-riżorsi ambjentali tal-UE u l-kampanja wkoll għandha rwol vitali sabiex tgħin lill-Ewropa ħalli din twestaq l-impenni globali tagħha dwar l-azzjoni klimatika. Għaż-żoni rurali hemm disponibbli firxa wiesgħa ta' opportunitajiet differenti għal żvilupp, minn approċċi sostenibbli għall-ġestjoni ambjentali għal azzjoni klimatika assoċjata kemm ma' mitigazzjoni kif ukoll ma' adattament. Għal dawn ir-raġunijiet, il-PŻR il-ġodda kollha se jipprovwu b'mod proattiv u se jagħtu prijorità lill-appoġġ għal proġetti li jagħtu kontribuzzjonijiet pożittivi lill-għanijiet ambjentali u klimatiki tal-Istati Membri.

Bħala temi trażversali għall-PŻR tal-2014-2020, l-ambjent u l-klima għandhom jiġu indirizzati b'mod xieraq mill-Miżuri kollha. Id-delegati fis-seminar tal-ENRD enfasizzaw dan il-punt filwaqt li osservaw li "Ma għandu jkun hemm l-ebda 'rokna ekoloġika jew klimatika' fil-PŻR il-ġodda – dawn is-suġġetti għandhom ikunu kwistjonijiet trażversali u orizzontali." Dan ifisser li l-Miżuri kollha tal-PŻR għandhom jiġu pprogrammati b'dan il-mod. L-ipprogrammar b'hekk għandu jqis b'attenzjoni l-potenzjali għal kull azzjoni ta' Miżura sabiex jiġu prodotti eżiti ambjentali u relatati mal-klima.

L-importanza kbira ta' dawn it-temi trażversali hija wkoll riflessa fid-disponibbiltà tal-Miżuri tal-PŻR dedikati li jitrattaw speċifikament l-ekosistemi (Prijorità 4) u l-effiċjenza tar-riżorsi/il-klima (Prijorità 5). Filwaqt li huwa mistenni li dawn il-Miżuri jipprovdu sorsi sinifikanti ta' finanzjament ekoloġiku, il-Programmatari tal-PŻR għandhom il-kompitu li jiżguraw irwieħhom li l-għażliet ta' "ekoloġizzazzjoni" jiffurmaw parti mill-ġabra ta' għodod ta' appoġġ għall-Miżuri l-oħra kollha wkoll. Il-proposti f'dan il-qafas legali ġdid għall-politika ta' żvilupp rurali jipprovdu lill-programmatari tal-PŻR bi flessibbiltà kbira sabiex ikunu kreattivi bil-mod li bih jiggarrantixxu dan il-prinċipju ewlieni.

Peress li t-tħassib ambjentali u klimatiku huwa prijorità daqstant kbira għall-programmatari tal-PŻR, l-evalwaturi *ex-ante* għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lil-livell ta' "protezzjoni tal-ambjent kontra t-tibdil fil-kilma" li ntlaħaq, u jista' jintlaħaq minn kull Miżura proposta f'kull PŻR.

Ipprogrammar ta' suċċess tal-appoġġ ambjentali u klimatiku għandu jikkontribwixxi wkoll għall-għanijiet ġeneriċi ċentrali dwar il-kisba ta' PŻR xpruntati mid-domanda, orjentati lejn ir-riżultati, mingħajr żbalji u kompletament integrati. Dan jista' jinkiseb bi pjanar għall-konsistenza matul iċ-ċiklu ta' ħajja kollu ta' PŻR.

Il-miri ekoloġiċi għandhom jitqiesu l-ewwel nett waqt is-SWOT. Il-proċessi ta' ekoloġizzazzjoni wkoll għandu jkollhom fil-miri tagħhom l-appoġġ għall-Miżuri fi ħtiġijiet ambjentali u/jew klimatiki kkonfermati, billi jużaw kriterji ta' għażla u għodod oħrajn ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, ir-rapportar ta' dawn it-temi trażversali għandu jissaħħaħ sabiex jipprovdi prova ta' kisba ta' riżultati ekoloġiċi għall-Miżuri kollha.

Punt ta' tluq kruċjali huwa analiżi robusta tal-kuntest ambjentali tat-territorju ta' PŻR. Dan jgħin sabiex jiġu ċċarati deċiżjonijiet informati dwar iż-żoni li l-iktar li jeħtieġu tipi differenti ta' appoġġ għal ġestjoni ambjentali u għal azzjoni klimatika. Is-sejbiet mill-analiżi tal-ħtiġijiet jipprovdu settijiet ta' dejta bażika li magħhom jista' jitkejjel il-progress tal-PŻR. Huma jiċċaraw ukoll id-domanda għall-fondi disponibbli u jgħinu sabiex jiġu stabbiliti miri għar-riżultati.

L-għodod tal-immirar jiġu inkoraġġiti sabiex jinkisbu approċċi iktar effiċjenti minn tekniki ġeneriċi (dawk li bl-Ingliż jissejġu "broad-brush techniques" u "scatter-gun techniques"). Il-kriterji ta' għażla għandhom jintużaw b'modi xierqa u sinifikanti sabiex il-finanzjament tal-PŻR jiġi ffokat fuq is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet stabbiliti u l-kisba tal-miri għar-riżultati li jakkumpanjawhom.



©123rf, Peter Wollings



Pereżempju, ir-rwol li kellhom il-Miżuri ta' investiment fl-azzjoni klimatika u fl-għoti ta' servizzi ambjentali ma għandux jiġi sottovalutat, anki jekk din il-konnessjoni għet sottovalutata fl-imgħoddi. Il-Miżuri ta' investiment jistgħu jiġu kkombinati ma' Miżuri agroambjentali sabiex tiżdied il-kompetittività fuq il-livell tal-azzjendi agrikoli u jinkisbu soluzzjonijiet li minnhom igawdi kulħadd.

L-enfasi fuq l-ipprogrammar ta' PŻR iktar orjentati lejn ir-riżultati t'fisser li l-PŻR kollha għandhom jippreparaw sistemi xierqa sabiex ikejlu u jispjegaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-għanijiet ambjentali u klimatiċi. Dan jinvolvi l-istabbiliment ta' dejta bażika preċiża u jista' wkoll jeħtieġ li jiġi pprogrammat it-tisħiħ ta' kapaċitajiet ta' monitoraġġ ambjentali mill-benefiċjarji u mill-amministraturi għall-Miżuri kollha tal-PŻR.

Il-Grupp ta' Fokus dwar is-Servizzi Ambjentali tal-ENRD³ ipprepara gwida u eżempji ta' studji ta' każijiet li jesploraw kif dan għandu jsir fil-prattika. Il-parteċipanti fil-workshop semgħu analiżi tal-messaġġi prinċipali tal-Grupp ta' Fokus li kienet ikkomplementata b'pariri prattiċi oħrajn dwar il-metodoloġiji biex il-fondi tal-PŻR jiġu mmirati lejn "hotspots" klimatiċi (bills jintużaw l-għodod tal-ipprogrammar żviluppata mill-proġett Oscar - <http://sitem.herts.ac.uk/aeru/oscar/index.htm>).

Id-delegati tal-workshops u tas-seminar iddiskutew il-merti li t-temi trażversali jkunu fil-mira billi jintużaw kombinazzjonijiet ta' appoġġ fuq il-livell tal-Miżuri. Pakketti sinerġetiċi, imfassla sabiex jiġġeneraw riżultati ambjentali b'valur miżjud minn azzjonijiet ta' PŻR kienu f'favoriti u meqjusa bħala fattibbli jekk jiġu pprogrammati b'mod xieraq u suffiċjentement kmieni. Il-kombinazzjoni ta' appoġġ "kwalitattiv" (jiġifieri, animazzjoni, taħriġ, bini ta' kapaċitajiet, kooperazzjoni, eċċ.) f'pakketi li jkun fihom appoġġ "kwantitattiv" għal xogħlijiet kapitali u/jew għal ġestjoni ambjentali għet promossa bħala mezz sabiex jiġu żgurati legati iktar sostenibbli mill-appoġġ għal PŻR.

Il-konsistenza tibqa' fattur komuni ta' suċċess għall-ipprogrammar tal-ekoloġizzazzjoni tal-appoġġ matul kull fażi taċ-ċiklu ta' haġja ta' PŻR. L-azzjonijiet ta' ekoloġizzazzjoni tal-PŻR għandhom ukoll ikunu konsistenti u integrati ma' appoġġ minn finanzjament ieħor disponibbli f'territorju ta' PŻR.

Il-fondi SIE kollha għandhom jindirizzaw it-tħassib ambjentali u klimatiku. L-ipprogrammar tal-PŻR se jeħtieġ koordinazzjoni ta' suċċess ma' dawn l-istrumenti l-oħra ta' appoġġ tal-UE. L-ipprogrammar tal-PŻR għandu jiżgura li l-Miżuri tal-PŻR jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom sabiex fil-mira jkollhom lakuni li finanzjament ieħor jista' ma jkoprix kompletament. B'mod simili, jistgħu jintużaw fondi oħrajn sabiex iżidu valur mal-operazzjonijiet tal-PŻR fl-oqsma ambjentali. Ir-riskji dwar id-duplikazzjoni tal-finanzjament għandhom jiġu evitati. L-oqsma nnotati fis-seminar tal-ENRD bħala li huma speċjalment pertinenti għal ipprogrammar integrat tal-QSK jinkludu: l-użu tat-trasport u tal-enerġija fiż-żoni rurali kif ukoll l-azzjonijiet kollaborattivi urbani-rurali.

Tfakkiriet għall-ipprogrammar tal-PŻR dwar il-ġestjoni ambjentali u l-klima:

- Kun żgur li s-SWOT jipprovdi analiżi bir-reqqa tal-ħtiġijiet tal-ġestjoni ambjentali u tal-opportunitajiet għal appoġġ assoċjati f'territorju ta' PŻR.
- Uża kriterji ta' għażla fil-Miżuri kollha sabiex tagħti prijorità lil proġetti li jagħtu kontribuzzjonijiet pożittivi lit-temi trażversali.
- Żomm fil-mira tiegħek l-appoġġ ta' PŻR għal proġetti li jindirizzaw domanda rikonossuta.
- Ikkombina l-appoġġ għal Miżuri f'pakketi li jimmassimizzaw il-potenzjal tal-PŻR.
- Adotta approċċi orjentati lejn ir-riżultati għall-ipprogrammar ta' appoġġ ekoloġiku fil-Miżuri kollha.
- Il-kapaċitajiet għal monitoraġġ tal-partijiet interessati kollha tal-PŻR għandhom jaqblu mal-ħtiġijiet tal-monitoraġġ tal-PŻR.
- Integra l-appoġġ għall-PŻR ma' appoġġ territorjali korrispondenti ieħor.

3 Tista' tikseb iktar informazzjoni dwar il-ħidma tal-ENRD biex tippromwovi s-servizzi ambjentali minn: http://enrd.ec.europa.eu/themes/environment/environmental-services/en/environmental-services_en.cfm

Ir-riżultati tal-workshops: Ġestjoni kondiviża effettiva

Koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi bejn l-awtoritajiet maniġerjali, l-aġenziji tal-pagamenti, il-korpi ta' ċertifikazzjoni u organizzazzjonijiet oħrajn b'responsabbiltajiet formali għall-implimentazzjoni ta' PŻR huma prerekwiżit għal ipprogrammar ta' suċċess.

Sistemi ta' ġestjoni kondiviża kompletament funzjonali jistgħu jissarfu f'bosta benefiċċji għal bosta partijiet interessati. Id-delegati fis-seminar tal-ENRD qablu li daww kollha involuti fl-amministrazzjoni ta' PŻR jistgħu jigwadanjaw mill-effiċjenzi li huma possibbli permezz ta' stili ta' ħidma kollaborattiva. Kien hemm ukoll rikonoxximent ġenerali li dawn il-benefiċċji minn proċessi kondiviżi kienu jisswew il-ħidma inizjali involuti fl-ittestjar u fl-irfinar ta' metodi ta' ġestjoni kollaborattiva ta' suċċess.

Għal darba oħra, il-konsistenza hija fattur ta' suċċess ewlieni għal ipprogrammar ta' suċċess ta' proċeduri ta' ġestjoni kondiviża ta' PŻR. Dan jestendi għall-konsistenza fl-amministrazzjoni finanzjarja, fis-sistemi tal-IT, fl-awditjar u fil-kontrolli. Il-konsistenza se tkun assistita minn bidla fis-sistema għall-2014-2020 li se tara aġenzija tal-pagamenti waħda biss għal kull Stat Membru jew għal kull reġjun li tittratta ż-żewġ pilastri.

L-istabbiliment ta' proċeduri sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja kondiviża konsistenti tal-PŻR huwa intiż li jgħin lill-amministrazzjonijiet kollha kkonċernati sabiex jibqgħu iffokati fuq l-istess sett ta' prijoritajiet għall-iżvilupp. Il-PŻR huma għodod tal-iżvilupp u l-partijiet interessati kollha fis-sistema ta' ġestjoni għandhom jaħsbu b'mod konsistenti dwar ir-raison d'être fundamentali tagħhom: jigiġifieri r-rwol li għandhom biex jgħinu lill-PŻR ħalli jilħaq l-għanijiet strateġiċi tiegħu.

Il-ġestjoni kondiviża tal-PŻR toffri opportunitajiet utli sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-azzjonijiet ta' PŻR. Il-metodi ta' ħidma konġunti għandhom jibbilanċjaw l-importanza tal-loġika ta' intervent ta' PŻR mal-importanza li jiġu pprevenuti l-iżbalji. Dan l-approċċ jissottolinja l-abbiltà tal-partijiet interessati tal-PŻR li jiżguraw irwieħhom li l-flus ikunu qed jintefqu fuq dak li kienu maħsuba għalih.

Jeħtieġ li l-konċentrazzjoni tas-sistemi ta' amministrazzjoni kondiviżi ta' PŻR fuq il-loġika ta' intervent tal-PŻR tal-2014-2020 issir fuq livelli differenti. Dan se jinkludi l-livell tal-Miżuri għaliex l-ippjanar u l-eżekuzzjoni finanzjarji fil-perjodu ta' pprogrammar li jmiss għandhom ikunu bbażati b'mod espliċitu fuq fehim ċar u komuni tal-prijoritajiet tal-PŻR u fuq is-sett ta' indikaturi komuni għal kull Miżura.

Il-kisba ta' amministrazzjoni kondiviża tajba fuq il-livell tal-Miżuri mbagħad se tiffaċilita ġestjoni kondiviża mingħajr problemi għal-livelli oġġla kollha f'sistema amministrattiva ta' PŻR. Għandha tingħata attenzjoni lil kwalunkwe regola amministrattiva ġdida fuq il-livell tal-Miżuri, bħal daww li jikkonċernaw il-ġestjoni kondiviża tal-istrumenti finanzjarji l-ġodda⁴, jew il-pakketti ta' appoġġ għall-Miżuri jew is-sotto-programmi tal-PŻR.

B'hekk, ipprogrammar ta' suċċess jista' jiġi mgħejjun billi jiġu stabbiliti proċeduri ta' ħidma konġunti fi stadju bikri għall-awtoritajiet maniġerjali, għall-aġenziji tal-pagamenti, għall-korpi intermedjarji u għall-korpi ta' ċertifikazzjoni. Bidu bikri jkun speċjalment utli sabiex ikun jista' jkun hemm ġestjoni u sjeda kondiviżi tal-proċessi ta' PŻR involuti fil-preparazzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija kif ukoll fl-iffissar tal-prijoritajiet u tal-indikaturi.

Tfakkiriet għall-ipprogrammar tal-PŻR dwar ġestjoni kondiviża:

- Ibda kmieni u ttestja s-sistemi ta' ġestjoni kondiviża sabiex tara li jkunu inklużivi u effettivi.
- Kun żgur li daww kollha involuti jifhmu r-rwoli li għandhom sabiex jgħinu lill-PŻR jilħaq l-iskop tiegħu.
- Kun żgur li daww kollha involuti jifhmu fuq xiex għandhom jintefqu l-flus (u għaliex).
- L-awtoritajiet maniġerjali u l-aġenziji tal-pagamenti għandhom iwettqu flimkien valutazzjoni *ex-ante* tal-miżuri kollha proposti tal-PŻR sabiex jikkontrollaw u juru l-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà tal-Miżuri u tar-riżultati tal-Miżuri.



Ir-riżultati tal-workshops: Governanza tajba fil-preparazzjoni tal-PŻR

Il-ħidma fi sħubija se jkollha dejjem iktar rilevanza u potenzjal bħala għodda effettiva għal ipprogrammar ta' PŻR ta' suċċess. Konsegwentement, huwa importanti li l-imsieħba kollha ta' PŻR jifhemu r-regoli u r-regolamenti li se jkunu miftiehma mill-Istati Membri sabiex il-politika ta' żvilupp rurali tal-UE tiġi rregolata. Dan huwa importanti fir-rigward tal-proċeduri li jippreparaw kemm il-PŻR kif ukoll il-Kuntratti ta' Sħubija.



L-approċċi ta' governanza tajba għal ħidma fi sħubija ta' PŻR, għalhekk, għandhom jiġu ppjanati, miftiehma u pprogrammati matul l-2013. L-għan tal-ipprogrammar ta' proċeduri ta' governanza tajba huwa li jkun hemm attenzjoni ffokata fuq u jinkiseb profitt mill-valur miżjud li jista' jinkiseb minn ħidma fi sħubija sabiex jiġu promossi sjieda fuq diversi livell u approvazzjoni tal-operazzjonijiet tal-PŻR.

L-eżiti mill-ipprogrammar ta' prinċipji ġenwini ta' sħubija jistgħu jgħinu l-proċess ta' analiżi SWOT sabiex jiġi ffaċilitat immirar tematiku u territorjali aħjar tal-azzjonijiet ta' PŻR. Il-ħidma fi sħubija tiġġenera wkoll benefiċċji utli f'termini ta' tfassil ta' sistemi ta' konsenja tal-PŻR ottimali u effiċjenti.

Jistgħu jinkisebu benefiċċji f'termini ta' għarfien mill-involvement tal-partijiet interessati kollha fiċ-ċiklu ta' ħajja kollu ta' PŻR. Il-preparazzjonijiet għal governanza tajba b'hekk għandhom jipprovaw jistabbilixxu strutturi għal ħidma fi sħubija li jkunu kapaċi jwasslu għal riżultati effettivi mhux biss matul l-istadju preparatorju imma anki matul il-fażijiet ta' implimentazzjoni u ta' evalwazzjoni tal-PŻR.

L-ipprogrammar ta' prinċipji ta' governanza tajba matul iċ-ċiklu ta' ħajja kollu ta' PŻR se jgħin sabiex jiġi żgurati l-involvement tal-partijiet interessati fil-fażijiet tal-implimentazzjoni (waqt l-għażla tal-proġetti kif ukoll fil-ġbir u fl-analiżi tad-dejta ta' monitoraġġ). Waqt il-proċessi ta' evalwazzjoni, huwa se jżid ukoll valur li jista' jinfluwenza d-direzzjoni strateġika u l-proċeduri operattivi ta' programm.

L-involvement attiv tal-partijiet interessati kollha huwa kundizzjoni għas-suċċess tal-politika ta' żvilupp rurali.

L-għażla tal-iktar sett vantaġġuż ta' msieħba huwa fattur ta' suċċess sabiex jintlaħqu l-miri ta' governanza tajba. Jibqa' importanti li jkun hemm approċċ ibbilanċjat fl-involvement ta' msieħba mis-settur pubbliku, mis-settur privat u minn dak tas-soċjetà ċivili. Għandu jkun hemm stabbilti proċeduri trasparenti sabiex jiġu pprevenuti riskji li jista' jkun hemm żbilanċ.

L-Artikolu 5 tal-proposta għal Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni jelenka l-kategoriji prinċipali ta' msieħba li għandhom jiġu involuti fi Ftehim ta' Sħubija u fil-preparazzjoni tal-programmi: l-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra; imsieħba ekonomiċi u soċjali; korpi li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba ambjentali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u korpi responsabbli għall-promozzjoni ta' ugwaljanza u nondiskriminazzjoni.

L-approċċi ta' governanza tajba jinvolvu l-formalizzazzjoni ta' proċeduri ta' ħidma bejn l-imsieħba. Huwa mistenni li l-arranġamenti formalizzati ta' sħubija jkunu rekwiżit legali għall-PŻR tal-2014-2020 u kodiċi komuni ta' kondotta qed jiġi ppreparat mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġi speċifikat kif il-prinċipji stabbilti fl-Artikolu 5 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni jistgħu jiġi implimentati mill-Istati Membri⁵.

Id-delegati fis-seminar tal-ENRD ġew informati dwar il-kodiċi ta' kondotta u l-prominenza li dan jagħti kemm lill-għodod ta' konsultazzjoni kif ukoll fuq lil dawk ta' komunikazzjoni sabiex jinkisebu approċċi ta' governanza tajba. Id-diskussjonijiet waqt is-seminar tal-ENRD ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-programmaturi tal-PŻR għandu jkollhom l-għan li jorganizzaw operazzjonijiet ta' konsultazzjoni u ta' komunikazzjoni b'modi li jevitaw li l-attenzjoni tiġi ffokata biss fuq suġġetti li jikkonċernaw l-allokazzjonijiet tal-finanzjament lil tipi differenti ta' azzjonijiet jew ta' benefiċjarji ta' PŻR.

L-approċċi ta' governanza tajba jeħtieġu konsultazzjoni u komunikazzjoni ma'/bejn l-imsieħba sabiex l-attenzjoni l-ewwel tiġi ffokata fuq kjarifiki tal-isfidi u tal-opportunitajiet prinċipali tal-iżvilupp rurali li jeżistu f'territorju. Imbagħad jista' jingħata bidu għal djalogu li jirrigwarda d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjonijiet tal-finanzjament sabiex fil-mira jkun hemm azzjonijiet li jindirizzaw ħtiġijiet u domanda ddefiniti b'mod informat.

Hemm disponibbli l-assistenza teknika mill-baġits kurrenti tal-PŻR tal-2007-2013 sabiex l-Istati Membri jiġu mgħejjuna jagħmlu użu mill-"Pjattaformi ta' Konsultazzjoni" waqt l-ipprogrammar tal-PŻR il-ġodda. Huwa mistenni wkoll li l-finanzjament għall-assistenza teknika mill-perjodu 2014-2020 jkun disponibbli sabiex jgħin ħalli jissafu l-approċċi ta' sħubija matul kull ċiklu ta' ħajja sħiħ tal-PŻR.

5 Tista' ssib spjegata informazzjoni utli oħra dwar il-kontenut ta' kodiċi ta' kondotta f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea disponibbli minn: <http://ec.europa.eu/esf/main.jsp?catId=67&langId=mt&newsId=7956>

Fuq il-livell nazzjonali jew reġjonali, il-Kumitat ta' Monitoraġġ u n-Netzwerk Rurali se jkunu Pjattaformi ta' Konsultazzjoni notevoli għall-PŻR. Il-parteċipanti fis-seminar tal-ENRD semgħu kif il-Pjattaformi ta' Konsultazzjoni b'arranġamenti għal sħubija miftuħa jista' jkollhom possibiltajiet biex ikunu iktar inklużivi minn mudelli riġidi ta' sħubija formali. Il-flessibilità kienet ikkunsidrata bħala utli sabiex tkun inkoraġġita massa kritika ta' għarfien espert ikbar fi f'idan l-apparat ta' governanza tal-PŻR.

Waqt is-seminar, ġie sottolinjat ukoll li l-iskambju kontinwu ta' prattiki tajba bejn l-imsieħba kien komponent vantaġġjuż tal-approċċi ta' governanza tajba. Qed jiġi rakkomandat li l-programmaturi tal-PŻR janalizzaw b'mod oġġettiv il-potenzjal tal-istrutturi tan-netwerking eżistenti sabiex iwettqu dawn il-kompiti ta' trasferiment tal-għarfien. L-ipprogrammar tal-PŻR jista' jipprova jiżgura li għall-bidu tal-perjodu 2014-2020 ikun hemm stabbiltà l-istrutturi xierqa tan-netwerking.

Il-midja soċjali u għodod oħrajn tal-komunikazzjoni joffru opportunitajiet għall-promozzjoni tad-djalogu u għall-involvement tal-partijiet interessati fil-proċessi ta' pprogrammar ta' PŻR.

In-Netzwerks Nazzjonali Rurali (NRNs) jistgħu jirrappreżentaw Pjattaformi Konsultattivi importanti sabiex jintlaħqu firxiet wiesgħa ta' partijiet interessati tal-PŻR⁶. Wieħed mir-rwoli tal-NRNs huwa li dawn jagħtu għajnuna sabiex kunċetti u lingwa potenzjalment kumplessi jiġu tradotti fi spjegazzjonijiet u f'terminoloġija iktar faċli għall-utent u li l-partijiet interessati ikunu jistgħu jifhemu.

Tfakkiriet għall-ipprogrammar tal-PŻR dwar approċċi ta' governanza tajba:

- L-approċċi ta' sħubija jżidu l-valur mal-operazzjonijiet tal-PŻR.
- Il-PŻR għandhom jifformalizzaw l-arranġamenti ta' sħubija billi jużaw kodiċi ta' kondotta.
- Investimenti bikrija fil-konsultazzjoni u fil-komunikazzjoni jistgħu jiġġeneraw benefiċċji kosteffettivi għall-ipprogrammar.
- L-identifikazzjoni u l-iskambju ta' eżempji ta' prattika tajba (ta' proġetti ta' PŻR u ta' ġestjoni ta' PŻR) huma prattika tajba f'governanza tajba.
- L-istrutturi eżistenti tan-netwerking jistgħu jiġu pprogrammati sabiex isaħħu l-potenzjal strateġiku tagħhom.
- Il-proċessi ta' evalwazzjoni (*ex-ante*, kontinwi, *ex-post*) għandhom jiġu pprogrammati sabiex jivvalutaw is-suċċess ta' kull f'idma fi sħubija ta' PŻR.



Ir-riżultati tal-workshops: Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PŻR il-ġodda

L-ipprogrammar ta' sistemi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni (M u E) ta' suċċess se jagħti kontribuzzjonijiet kbar lis-suċċess ġenerali tal-operazzjonijiet tal-PŻR. L-ipprogrammar b'hekk għandu jirrifletti l-punt li l-M u E ma jissarfux biss fir-rapportar tar-riżultati u għandu jsaħħaħ ir-realtà li l-M u E huma essenzjali sabiex tiġi pprovduta dejta vitali li tkun meħtieġa sabiex tiġi ggwidata d-direzzjoni u l-prestazzjoni tal-PŻR.

Il-proposti għall-politika ta' żvilupp rurali tal-UE għall-2014-2020 jissottolinjaw dawn il-prinċipji. It-tqegħid ta' iktar enfasi fuq l-M u E fil-politika ta' żvilupp rurali huwa intiż sabiex l-Istati Membri jiġu mgħejjuna jiksbu azzjonijiet tal-PŻR li jkunu iktar orjentati lejn ir-riżultati u iktar responsabbli. L-ipprogrammar tal-PŻR b'hekk għandu jistabbilixxi proċeduri u kundizzjonijiet sabiex:

- Tiġi żgurata l-kwalità tal-approċċi tal-M u E; u
- Isir użu effettiv mis-sejbiet tal-M u E.

Għall-PŻR tal-2014-2020 qed tiġi ppreparata sistema ġdida ta' M u E li għandha tapplika għall-Miżuri u għall-Oqsma ta' Fokus ta' PŻR. Din se ttejjeb l-abbiltà tal-PŻR li jkunu iktar orjentati lejn ir-riżultati u l-programmaturi għandhom iqisu minn kmieni s-sistema l-ġdida.

Informazzjoni utli dwar il-proċessi ta' evalwazzjoni ex-ante għall-PŻR tal-2014-2020 hija disponibbli mingħand in-Netwerk Ewropew tal-Evalwazzjoni għall-Iżvilupp Rurali f'dokument intitolat: *Getting the most from your RDP (Kif tikseb l-aħjar riżultati mill-PŻR tiegħek)*⁷.

Il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u ta' Evalwazzjoni (CMEF) jibqa' l-ġodda ta' referenza primarja għall-programmaturi tal-PŻR. Għall-2014-2020, is-Sistema ta' Monitoraġġ u ta' Evalwazzjoni ġiet immodernizzata sabiex tkopri ż-żewġ Pilastru tal-PAK. Dan se jgħin iktar il-viżibbiltà tal-appoġġ għall-iżvilupp għaż-żoni rurali tal-Istati Membri.

Elementi ġodda oħrajn ta' M u E għall-PŻR tal-2014-2020 jinkludu l-użu tal-"Pjanijiet ta' Evalwazzjoni". Il-proċessi ta' pprogrammar għandhom jinkludu preparazzjonijiet għal u ftehim dwar dawn il-Pjanijiet ta' Evalwazzjoni. Il-kontenut tal-Pjanijiet ta' Evalwazzjoni għandu jiċċara u jifformalizza d-det-talji tal-M u E bħal (fost l-oħrajn) il-perjodi ta' żmien għall-M u E, is-sistemi ta' ġbir tad-dejta, u l-proċeduri li jiddeterminaw kif se jintużaw l-eżiti tal-evalwazzjonijiet.

Mhija se tkun meħtieġa l-ebda evalwazzjoni ta' nofs it-term għall-PŻR il-ġodda imma fl-2017 u fl-2019 se jittejbu r-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-PŻR. Fl-2017, ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-PŻR se jissottolinjaw kwalunkwe bidla li tista' tkun meħtieġa fil-PŻR. Fl-2019, ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-PŻR se jissottolinjaw sommarju tal-prestazzjoni interim tal-PŻR.

7 Tista' ssib verżjonijiet b'lingwi differenti tal-pubblikazzjoni minn:

http://enrd.ec.europa.eu/evaluation/library/evaluation-helpdesk-publications/en/evaluation-helpdesk-publications_en.cfm

Fl-2019, se jittieħdu deċiżjonijiet dwar ir-rilaxx tal-fondi tar-Riżerva tal-Prestazzjoni, abbażi ta' sett speċifikat ta' miri li għandhom jiġu allinjati mas-sett ta' indikaturi prinċipali tal-PŻR. Il-parteċipanti fil-workshop dwar l-M u E tas-seminar tal-ENRD issottolinjaw li fl-ipprogrammar l-għażla tal-indikaturi tar-riżerva tal-prestazzjoni għandha tingħata attenzjoni. L-indikaturi tar-riżerva tal-prestazzjoni għandhom jirriflettu l-loġika ta' intervent ġenerali li tkun għet miftiehma mill-partijiet interessanti tal-PŻR u ma għandhomx jieħdu r-riskju li jintroduċu xi preġudizzju mhux intenzjonali.

In-numru tal-indikaturi tal-prestazzjoni fil-perjodu ta' pprogrammar il-ġdid se jitnaqqas sabiex il-ġestjoni tal-PŻR tkun tista' tiġi ssimplifikata u msaħħa.

Kunsiderazzjoni importanti oħra għall-programmaturi tal-PŻR hija relatata mal-paragunabbiltà tas-sorsi tad-dejta (pereżempju għall-indikaturi tal-kuntest). Dawn għandhom jiġu żgurati fuq il-livell tal-UE. Waqt l-ipprogrammar ta' sistemi orjentati lejn ir-riżultati għandha tingħata wkoll attenzjoni lil-livelli tal-Miżuri (u lil livelli oħrajn) sabiex tiġi promossa l-viżibbiltà tal-progress lejn it-temi trażversali tal-PŻR (l-innovazzjoni, l-ambjent u l-azzjoni klimatika)⁸

Tfakkiriet għall-ipprogrammar tal-PŻR dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni:

- Jekk l-ipprogrammar tal-M u E ikun tajjeb dan se jagħmel differenza kbira biex l-operazzjonijiet tal-PŻR ikunu tajbin ukoll.
- Iktar enfasi fuq approċċi orjentati lejn ir-riżultati se ttejjeb il-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-PŻR.
- Il-Pjanijiet ta' Evalwazzjoni se jipprovdu għodod siewja għall-ġestjoni tal-M u E.
- Il-proċeduri u l-indikaturi tal-M u E għas-sottoprogrammi tal-PŻR, għar-riżerva tal-prestazzjoni u għat-temi trażversali għandhom jiffasslu sabiex ikunu allinjati mal-PŻR ġenerali.



8 Ġie prodott dokument ta' ħidma li jagħti pariri dwar il-Pjanijiet Indikaturi għall-PRŻ il-ġodda. Dan huwa disponibbli mill-paġna tal-websajt tal-ENRD li tinkludi d-dokumentazzjoni mis-seminar dwar l-ipprogrammar ta' Suċċess. F'din il-paġna tista' ssib ukoll abbozz tal-lista tal-indikaturi fil-mira u tal-indikaturi tar-riżultati għall-PŻR il-ġodda taħt "WS6":

http://enrd.ec.europa.eu/en-rd-events-and-meetings/seminars-and-conferences/successful-programming_en/en/successful-programming_en_home.cfm

Ir-riżultati tal-workshops: L-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD)/il-LEADER u l-PŻR il-ġodda

Il-parteċipanti laqgħu s-sinerġiji ta' żvilupp potenzjali li jistgħu jinkisbu fil-perjodu 2014-2020 bl-iprogrammar ta' konnessjonijiet vijabbli bejn il-partijiet interessati territorjali differenti li jużaw metodoloġiji tal-LEADER. Dawn il-partijiet interessati jinkludu l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tal-PŻR (LAGs), Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (FLAGs), u gruppi oħrajn involuti fl-użu tal-fondi SIE għal finijiet ta' Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD).

Kunsiderazzjoni importanti għall-iprogrammar tal-PŻR huwa li jiġi żgurat li l-Gruppi tal-LEADER jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-Istrateġija għall-Iżvilupp Lokali li ġew identifikati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri⁹. Pereżempju, il-proċeduri tal-PŻR għandhom jiġu pprogrammati għall-gruppi tal-LEADER sabiex jiġi żgurat li l-proġetti kollha ffinanzjati u l-azzjonijiet kollha mwettqa mill-grupp tal-LEADER jkunu konnessi b'mod ċar mal-għanijiet ġenerali tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Lokali. Dan jinvolvi l-użu ta kriterji ta' għażla u ta' sistemi ta' monitoraġġ bħala għodod sabiex jiġi kkontrollat li l-proġetti jappoġġjaw il-loġika ta' intervent tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Lokali, u sabiex jiġi żgurat li l-fondi tal-LEADER ikunu qed jintefqu fuq dak li kienu maħsba għalih.

Bħala kwistjoni ta' simplifikazzjoni, il-fondi ċentrali tal-LEADER mill-PŻR tal-2014-2020 se jiġu pprogrammati kompletament taħt il-Qasam ta' Fokus 6B, jiġifieri: "It-trawwim tal-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali" imma l-karatteristiċi orizzontali tal-LEADER jagħmluhom rilevanti għall-Qasam ta' Fokus l-oħra kollha tal-PŻR.

L-impjiegi mistennija jkunu prijorità ewlenija u indikatur tal-prestazzjoni għall-eżiti ta' PŻR iffinanzjati mil-LEADER. Anki approċċi konsistenti għall-kejl u għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni fil-ħolqien tal-impjiegi tal-LEADER se jkunu importanti għall-programmaturi tal-PŻR.

L-introduzzjoni mill-ġdid ta' opportunitajiet għall-gruppi tal-LEADER sabiex ikollhom aċċess għal baġits b'diversi fondi tipprovdi possibbiltajiet biex dawn il-partijiet interessati tal-iżvilupp lokali jkollhom rwol ta' tmexxija ferm iktar b'saħħtu sabiex ikun hemm progress fit-tkabbir u fil-prosperità taż-żoni tagħhom stess, u minn firxa wiesgħa ta' fronti.

Imma l-preparazzjonijiet għall-iprogrammar tal-PŻR għandhom jinnotaw ukoll li għad tista' teżisti hteieġa li tinbena l-kapaċità tal-gruppi tal-LEADER ħalli dawn joperaw f'oqsma ġodda b'diversi fondi. Għalhekk jista' jkun hemm il-hteieġa li jiġu pprogrammati possibbiltajiet għat-tisħiħ tal-ħiliet u tal-kompetenzi ħalli l-gruppi tal-LEADER jiġu mgħejjuna jikkoordinaw

9 <http://eca.europa.eu/portal/page/portal/pressroom/Presspacks/Previouspresspacks/2010/PresskitSpecialReportNo52010>

b'mod effettiv il-konsolidament tal-finanzjament li se jkun disponibbli għal approċċi territorjali għall-iżvilupp lokali.¹⁰

L-ittestjar tal-approċċi pilota u l-esplorazzjoni tal-fatturi ta' suċċess mill-prattika tajba eżistenti f'koordinazzjoni bejn diversi fondi/politiki (pereżempju, kombinazzjoni tal-FAEŻR mal-FES) jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet tal-PŻR sabiex jipprogrammaw il-pjanijiet direzzjonali tagħhom ħalli jkabbru l-integrazzjoni tal-metodoloġiji tal-LEADER matul l-2014-2020.

Id-delegati fis-seminar tal-ENRD semgħu kif l-introduzzjoni ta' Strateġiji għall-Iżvilupp Lokali b'diversi fondi mhijiex xi ħaġa li tista' tiġi sfurzata. Ġiet proposta gwida sabiex il-proċess ikun jista' jsejtni "b'mod organiku" u bir-ritmu tiegħu, ħalli jiġu riflessi l-livelli tad-domanda u tal-kapaċità fit-territorji lokali.

B'hekk, jista' jkun għadu l-każ li l-Istrateġiji għall-Iżvilupp Lokali b'fond wieħed ikunu prevalenti fil-bidu tal-perjodu 2014-2020.

L-għodod sabiex tingħata għajjnuna lil u jkun jista' jsir dan il-proċess ta' bidla jinkludu l-ipprogrammar ta':

- Oqfsa nazzjonali legali li jipprovdu regoli armonizzati bejn sistemi ta' konsenja tal-fondi;
- Appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet lill-partijiet interessati sabiex dawk kollha involuti jiġi mgħejjuna jifhmu d-diversi perspettivi u realtajiet operattivi li jeżistu.
- Laqgħat ta' kooperazzjoni regolari bejn l-istituzzjonijiet involuti f'sistemi ta' finanzjament differenti. Kooperazzjoni b'hal din għandha ssejtni bejn kontroll-partijiet fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u l-għodod ta' komunikazzjoni jistgħu jiġu pprogrammati sabiex irawmu djalogu li jkollu l-għan li jidentifika l-isfidi, jegħleb l-ostakli u jassisti l-fluss ta' opportunitajiet għal diversi fondi li jkunu aċċessibbli.

Jekk jiġi adottat l-approċċ b'diversi fondi, huwa rakkomandat li l-għażla tal-LAGs issir permezz ta' proċess ikoordinat. Dan jista' jinvolvi sejħiet konġunti għal proposti jew kumitat ta' għażla fuq il-livell nazzjonali jew reġjonali b'rappreżentati mill-fondi kollha.



10 Tista' ssib iktar informazzjoni dwar il-ħidma tal-ENRD sabiex tipprovdi gwida dwar il-metodoloġija tal-LEADER minn:

http://enrd.ec.europa.eu/leader/en/leader_en.cfm

Għall-perjodu 2014-2020, jista' jkun hemm ukoll possibbiltajiet sabiex fl-amministrazzjoni tal-LEADER jiġu involuti l-korpi intermedjarji. Dawn il-possibbiltajiet jistgħu jiġu pprogrammati b'għanijiet doppji sabiex:

- Jipprovdu "one-stop-shop" għall-gruppi tal-LEADER ħalli jikkomunikaw dwar il-finanzjament tagħhom (kemm minn sorsi b'diversi fondi kif ukoll minn sorsi b'fond wieħed); u daqstant importanti,
- Inaqqsu r-riskji li l-awtoritajiet maniġerjali jsiru mgħobbija żżejjed bl-ipproċessar amministrattiv. Dan tal-aħħar għandu jgħin lill-awtoritajiet maniġerjali sabiex iżommu r-rwol strateġiku u superviżorju tagħhom ħalli jissorveljaw il-koordinazzjoni u l-kwalità tal-implimentazzjoni tal-LEADER.

Il-korpi intermedjarji jinsabu wkoll f'pożizzjoni aħjar sabiex jimplimentaw it-talbiet li saru mill-parteċipanti fis-seminar tal-ENRD sabiex isiru sforzi ħalli, għal proġetti ta' daqs iżgħar, jiġu programmati proċeduri iktar faċli. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tista' tgħin sabiex fi proċeduri bħal dawn il-prattika tajba tkun tista' tiġi identifikata/ittrasferita.

Tfakkiriet għall-ipprogrammar tal-PŻR dwar il-kisba ta' konnessjonijiet vijabbli bejn partijiet interessati territorjali differenti li jużaw metodoloġiji tal-LEADER:

- Għandu jkun hemm stabbilita kapaċità suffiċjenti sabiex jiġi ggarantit li l-fondi kollha tal-LEADER jintefqu fuq dak li jkunu maħsuba għalih.
- Il-ħolqien tal-impjegji se tkun mira importanti għal-LEADER.
- Il-gruppi tal-LEADER għandhom jiġu mgħejjuna jimxu lejn finanzjament minn diversi fondi bir-ritmu tagħhom.
- Il-korpi intermedjarji jistgħu jipprovdu appoġġ vantaġġjuż f'termini ta' assistenza teknika lill-gruppi tal-LEADER u lill-awtoritajiet tal-PŻR.

Iktar informazzjoni:

Id-dokumentazzjoni kollha dwar l-ipprogrammar b'Suċċess li ġiet ippreżentata waqt is-seminar tista' tinstab onlajn minn:

http://enrd.ec.europa.eu/en-rd-events-and-meetings/seminars-and-conferences/successful-programming_en/en/successful-programming_en_home.cfm

doi:10.2762/53283

ISBN 978-92-79-28918-7



9 789279 289187



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet